# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**<u>Taqsima A: Imla l-vojt b'dawn il-kliem :</u>**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Sekularizzazzjoni | Pajjiż demokratiku | Soċjetà | Kontroll soċjali | Trejd Unjon |
| Fundamentaliżmu | Settur sekondarju | Kostituzzjoni | Valuri | L-imsieħba soċjali |

1. ________________________________ hija magħmula minn gruppi ta' bnedmin li jvarjaw ħafna f'sens ta' daqs, ta' skop, ta' sħubija, ta' regolamenti u ta' attivitajiet oħra.
2. Ix-xogħol fuq proċessar ta' materja prima li jsir fil-fabbriki u l-industriji jaqa' taħt ______________________________ .
3. Il-ħajja soċjali għandha regoli li rridu nimxu magħhom u dan jissejjaħ ______________________________ .
4. Il- ______________________________ huma dawk il-prinċipji li wieħed juża bħala gwida fil-ħajja.
5. Pajjiż li jirrispetta d-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali u li għandu gvern magħżul mill-poplu jissejjaħ ______________________________ .
6. Fanatiżmu politiku jissejjaħ partiġjaniżmu filwaqt li dak reliġjuż insejħulu ________________________ .
7. It-twarrib ta' valuri reliġjużi għal dawk soċjali nsejħulu ______________________________ .
8. L-ogħla liġi f'Malta hi l- ______________________________ .
9. ______________________________ hi għaqda li tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema.
10. Fir-relazzjonijiet industrijali l-gvern, min iħaddem u min jaħdem jissejħu ______________________________ .

**Total 10 marki**

**<u>Taqsima B : Agħti d-differenza bejn :</u>**

1. Kontroll soċjali primarju u kontroll soċjali sekondarju.
2. Familja nukleari u familja estiża.
3. Interdipendenti u awtosuffiċjenti.
4. Ambjent naturali u ambjent soċjali.
5. Negozjar kollettiv u ftehim kollettiv.

(5 x 4 marki)

**Total 20 marka**

**<u>Taqsima Ċ : Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.</u>**

**Ikteb madwar 30 kelma għal kull risposta.**

Hija ħaġa komuni għal kull soċjetà li mhux il-membri kollha tagħha jkollhom l-istess ***aċċess għar-riżorsi*** li jkollha l-istess soċjetà. Dan ifisser li, ikun xi jkun il-kejl tagħna, dejjem ser insibu min għandu ħafna, min għandu ftit u forsi min m'għandu xejn. Jekk naraw it-tqassim tal-***ġid materjali***, insibu li f'kull ***soċjetà*** hemm ċittadini li huma aktar sinjuri u oħrajn li huma anqas; jekk nieħdu l-qasam tal-propjetà, l-edukazzjoni u l-poter politiku naraw li teżisti l-***inugwaljanza***.
L-ugwaljanza huwa prinċipju u wieħed mis-sisien tad-***demokrazija***. Fil-fatt, kull persuna, ikollha kemm ikollha riżorsi, xorta għandha vot wieħed biss f'sistema politika demokratika. Imma dan ma jfissirx li f'affarijiet oħra kulħadd huwa l-istess.

(Silta addattata minn Ninvestigaw is-soċjetà)

1. Agħti tifsira tal-kliem li jidhru skuri u fil-korsiv.
   (a) aċċess għar-riżorsi, (b) ġid materjali, (ċ) soċjetà, (d) inugwaljanza, (e) demokrazija.
   (5 x 2 = 10 marki)

2. Għal xiex twassal l-inugwaljanza? 5 marki

3. F'soċjetà demokratika hemm lok għal mobbiltà soċjali. Kif jista' jseħħ dan? 5 marki

4. F'Malta teżisti l-inugwaljanza? Jekk iva, bejn min insibu d-differenzi? 5 marki

5. Max Weber u Karl Marx tkellmu dwar l-inugwaljanza. X'kienu l-ħsibijiet tagħhom dwar dan?
   5 marki

6. Tkellem dwar il-prinċipji li fuqhom hija bbażata d-demokrazija. 5 marki

**Total 35 marka**

**<u>Taqsima D: Agħżel wieħed minn dawn u ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 100 kelma.</u>**

1. Il-bżonn ta' sanzjonijiet fis-soċjetà.
2. L-edukazzjoni tul il-ħajja.
3. Ix-xogħol hu dritt tal-bniedem. **10 marki**

**<u>Taqsima E : Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 250 kelma.</u>**

1. Malta għaddiet minn ħafna bidliet soċjali f'dawn l-aħħar mitt sena. Spjega kif dawn affettwaw il-valuri ta' pajjiżna.

2. Il-kontroll soċjali joħnoq il-libertà ta' l-individwu. Ikkummenta.

3. Is-sekularizzazzjoni qed tolqot lil pajjiżna wkoll. Xi jfisser dan il-fenomenu għas-soċjetà Maltija?

4. Għid kif il-waqfien tal-kunsilli lokali kompla jsaħħaħ id-demokrazija.

**25 marka**